# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 8**

**Avviz numru 278/00/SM**

**Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socejta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Bugeja u l-istess Anthony Bugeja.**

**vs**

**John Agius**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' seba' mija u seba' liri zewg centezmi (LM707.02,0) in kwantu ghall-sitt mija tnejn u tmenin lira zewg centezmi (LM682.02,0) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (LM25) lill-attur Anthony Bugeja, in linea ta' danni – minnhom sborsati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li**

**gara Regional Road fl-4 ta' Marzu 1999, meta waqt li kien qed isuq vettura Nru. KBB 689 habat mal-vettura Nru. AAL 283 propjeta' tal-attura Anthony Bugeja u misjuqa minn Mariella Bugeja – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar 2000 u dawk tal-ittra ufficjali ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mis-17 ta' Jannar 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-20 ta' Marzu tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**